



Brussell, 16 ta' Settembru 2019
(OR. en)

12195/19

COARM 154
CFSP/PESC 684

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Settembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 11718/19 INIT + COR 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar il-kontroll tal-esportazzjonijiet tal-armi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar il-kontroll tal-esportazzjonijiet tal-armi, kif adottati mill-Kunsill ("Affarijiet Ġenerali") fis-16 ta' Settembru 2019.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IR-REVIŻJONI TAL-POŻIZZJONI
KOMUNI TAL-KUNSILL 2008/944/PESK TAT-8 TA' DIĊEMBRU 2008 DWAR IL-
KONTROLL TAL-ESPORTAZZJONIJIET TAL-ARMI**

1. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tiegħu għat-tisħiħ tal-kontroll fuq l-esportazzjoni tat-teknoloġija u t-tagħmir militari permezz tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1560 tas-16 ta' Settembru 2019, li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK, u l-impenn tiegħu li jsaħħaħ il-kooperazzjoni u jippromwovi l-konverġenza fil-qasam tal-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari, fi ħdan il-qafas tal-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) permezz tal-istabbiliment, iż-żamma u l-implimentazzjoni ta' standards komuni għolja għall-ġestjoni tat-trasferimenti ta' teknoloġija u tagħmir militari mill-Istati Membri kollha. Dan ser ikompli jsir, fost l-oħrajn, permezz tal-iskambju ta' informazzjoni rilevanti fost l-Istati Membri, inkluż informazzjoni dwar l-avviżi ta' rifjut u l-politiki tal-esportazzjoni tal-armi kif ukoll permezz tal-identifikazzjoni ta' miżuri possibbli biex tkompli tiżdied il-konverġenza. Il-kummerċ ta' teknoloġija u tagħmir militari għandu jsir b'mod responsabbli u affidabbli u d-devjazzjoni tiegħu għat-terroristi, kriminali u utenti mhux awtorizzati oħra għandha tiġi evitata.
2. Il-Kunsill jissottolinja l-kontribut essenzjali li tagħmel politika kummerċjali tal-armi responsabbli għaż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali u r-rispett għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Liġi Umanitarja Internazzjonali. Il-Kunsill iġedded l-impenn tiegħu li jippromwovi l-kooperazzjoni u l-konverġenza fil-politiki tal-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari li jistgħu jintużaw għal ripressjoni interna jew aggressjoni internazzjonali jew jikkontribwixxu għal instabbiltà reġjonali.

3. Il-Kunsill jesprimi l-impenn tiegħu li jkompli bl-isforzi tiegħu li jippromwovi l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT), li daħal fis-seħħ fl-24 ta' Diċembru 2014. Il-Kunsill jilqa' n-numru sinifikanti ta' Stati li issa huma parti għall-ATT, u l-momentum internazzjonali lejn aderenza universali. Il-Kunsill jappella lill-Istati biex jaderixxu għat-Trattat, jew jirratifkawh, jekk għadhom ma għamlux dan u, biex jaderixxu mat-termini tiegħu sakemm issir l-adeżjoni jew ir-ratifika tagħhom. L-Istati Firmatarji għandhom jippruvaw jilhq u l-impenn inizjali tagħhom billi jikkonkludu l-proċess ta' ratifika. Il-Kunsill huwa konvint li l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni msaħħa tal-ATT jippromwovu l-għan tat-trattat ta' kooperazzjoni, trasparenza u azzjoni responsabbli permezz tar-regolarizzazzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-armi, b'hekk jikkontribwixxu għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u jnaqqsu s-sofferenza tal-bniedem.
4. Il-Kunsill jilqa' l-impenn imġedded tal-Istati Membri għall-Pożizzjoni Komuni legalment vinkolanti kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1560 u jenfasizza l-importanza li titwettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-applikazzjonijiet għal liċenzja tal-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari skont il-kriterji stipulati hemmhekk.
5. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-għan komuni li ppresieda fuq l-adozzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK fl-2008. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-valutazzjoni preċedenti tiegħu li nġhatat fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru 2012 u ta' Lulju 2015 li seta' jinkiseb aktar progress fl-implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni sabiex jinkiseb l-ogħla livell ta' konverġenza fost l-Istati Membri fil-qasam tal-esportazzjoni tal-armi konvenzjonali. Il-Kunsill jilqa', f'dan ir-rigward, li l-Gwida għall-Utent tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK ġiet emendata sabiex il-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskji stabbiliti mill-Pożizzjoni Komuni jiġu operazzjonalizzati aktar. Il-Kunsill jissottolinja wkoll li l-interpretazzjoni konsistenti u l-applikazzjoni operazzjonali ta' dawk il-kriterji jappoġġaw il-konverġenza tal-politiki nazzjonali tal-esportazzjoni tal-armi.

6. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għat-trasparenza fil-kummerċ internazzjonali tal-armi, b'għadd ta' miżuri konkreti li huma intenzjonati li jiffaċilitaw rappurtar korrett, koerenti u f'waqtu dwar l-esportazzjonijiet tal-armi tal-Istati Membri. Dawn jinkludu skadenzi ta' rappurtar ċari għar-Rapport Annwali tal-UE u aktar linji gwida fil-Pożizzjoni Komuni emendata skont il-Gwida għall-Utent dwar is-sustanza u l-proċess tar-rappurtar.
7. Il-Kunsill jilqa' l-iżvilupp ta' bażi ta' data online għat-tiftix fuq is-sit web tas-Servizz Ewropew għall-azzjoni Esterna, li tippermetti lill-partijiet interessati kollha jikkonsultaw u janalizzaw id-data dwar l-esportazzjonijiet tal-armi tal-Istati Membri b'mod faċli għall-utent.
8. Fir-rigward tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar il-politiki tagħhom tal-esportazzjoni tal-armi, il-Kunsill jinnota l-linji gwida ċari dwar dan is-suġġett fil-Gwida riveduta għall-Utent u jilqa' l-espansjoni tas-Sistema Online tal-COARM li tippermetti firxa usa' ta' kondiviżjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri.
9. Waqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-isforzi li għaddejjin għat-tisħiħ tal-ħidma fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari, il-Kunsill jagħti l-kompitu lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Esportazzjoni ta' Armi Konvenzjonali li:
 - a. ikompli jiddiskuti miżuri li jappoġġaw lill-Istati Membri biex jiġbru u jirrappurtaw l-informazzjoni rilevanti dwar l-esportazzjonijiet reali tagħhom, bil-ħsieb li jaħdmu lejn rappurtar komprensiv u aktar trasparenza;
 - b. jesplora l-possibilitajiet biex ikompli jtejjeb il-metodi tal-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Esportazzjoni ta' Armi Konvenzjonali;
 - c. ikompli jinvestiga l-benefiċċji possibbli ta' bażi ta' data għall-uffiċjali tal-liċenzji li tiffaċilita t-tiftix ta' informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari fis-sorsi msemmija fil-Gwida għall-Utent.

10. Il-Kunsill ser jikkunsidra avvanzi teknoloġiċi fil-qasam tat-teknoloġija u t-tagħmir militari, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza li l-oġġetti rilevanti kollha jkunu koperti taħt ir-regoli komuni li jirregolaw il-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti militari.
11. Il-Kunsill jinnota li t-tisħiħ ta' bażi Ewropea ta' difiża teknoloġika u industrijali, li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, b'mod partikolari l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, għandu jkun akkumpanjat minn kooperazzjoni aktar mill-qrib u konverġenza fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari.
12. L-Unjoni tiżgura l-konsistenza tal-attivitajiet esterni tagħha fl-intier tagħha fil-kuntest tar-relazzjonijiet esterni tagħha, f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 21(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; f'dan ir-rigward il-Kunsill jinnota l-importanza ta' politika ta' kontroll tal-esportazzjoni konsistenti rigward materjali relatati mad-difiża u oġġetti b'użu doppju.
13. Il-Kunsill ifakkar li fid-19 ta' Novembru 2018, huwa adotta Strateġija riveduta tal-UE għall-għlieda kontra Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir illeċiti u l-Munizzjon tagħhom intitolata "Aktar Sigurtà fuq l-Armi Biex Niproteġu liċ-Ċittadini". F'dan id-dawl, il-Kunsill jagħti l-kompitu lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Esportazzjoni ta' Armi Konvenzjonali li jikkunsidra deċiżjoni dwar iċ-ċertifikati tal-utenti finali għall-esportazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-munizzjoni tagħhom.
14. Il-Kunsill jagħti l-kompitu lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Esportazzjoni ta' Armi Konvenzjonali (COARM) li jivvaluta mill-ġdid l-implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1560 fi żmien ħames snin.